**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 27 TA' GUNJU, 2002**

**Avviz Numru 1293/02 AJD**
**Tancred V. Camilleri**

**Vs**

**Belcam Co. Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Mejju, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' elf, u sebgha u erbghin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm1,047.31) rappresentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta mill-attur.
Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Deborah Farrugia in rappresentanza tal-attur, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ elf, u sebgha u erbghin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm1,047.31), bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**